# Ġimgħa ta’ Talb
# għall-għaqda fost L-Insara
# 18-25 ta’ Jannar 2015

“Ġesù qalilha: Agħtini nixrob” (Ġw 4:7)

Kummissjoni Ekumenika Djoċesana
Kurja tal-Arċisqof
Floriana
2015

Werrej

Messaġġ........................................................................ 3
(minn Dun Hector Scerri)

Ħsieb għal kuljum ........................................................ 8
(minn Carmel Grima)

Talbiet ta' maħfra......................................................... 14
(minn Dun Hector Scerri )

Talbiet tal-Komunità nisranija....................................... 15
(minn Fr Aurelio Mulè Stagno S.D.B.)

Adorazzjoni Animata ..................................................... 17
(minn Dun Stefan Galea)

**Innota:**
Se jsir Servizz Ekumeniku Djoċesan nhar il-Ħamis 22 ta' Jannar 2015, fis-6.30 p.m., fil-knisja tas-Salib Imqaddes (jiġifieri għand il-Patrijiet Kapuċċini), Floriana. Se jippresiedi Monsinjur Isqof Charles J. Scicluna. Kulħadd huwa mistieden.

## MESSAĠĠ MILL-PRESIDENT
## TAL-KUMMISSJONI EKUMENIKA

Is-sena li għadha kemm intemmet kienet waħda mimlija b'avvenimenti ta' importanza ekumenika. Nistgħu ngħidu mingħajr tlaqliq li Papa Franġisku, bħala l-Isqof ta' Ruma, ħaddan bi sħiħ l-impenn ekumeniku, u kompla bl-istess stil u atteġġjamenti li kellu qabel, meta kien l-Arċisqof ta' Buenos Aires.

Matul l-2014, fakkarna żewġ ġrajjiet importanti għall-missjoni ekumenika tal-Knisja: il-ħamsin sena mil-laqgħa storika bejn il-Papa Pawlu VI u l-Patrijarka Ekumeniku Atenagora f'Ġerusalemm, kif ukoll il-ħamsin sena mill-pubblikazzjoni tad-digriet tal-Konċilju Vatikan II dwar l-ekumeniżmu, *Unitatis Redintegratio*. Tal-ewwel tfakkret waqt il-pellegrinaġġ li Papa Franġisku għamel fl-Art Imqaddsa f'Mejju 2014. Ġewwa Ġerusalemm, huwa ltaqa' mal-Patrijarka Ekumeniku ta' Kostantinopli, Bartilmew.

F'Novembru li għadda, il-Kunsill Pontifiċju għall-Promozzjoni tal-Għaqda fost l-Insara – fi tmiem il-laqgħa plenarja tiegħu – kkommemora, ġewwa Ruma, il-ħamsin sena tad-Digriet tal-Konċilju dwar l-ekumeniżmu. Ftit tal-jiem wara, Papa Franġisku żar it-Turkija. Waqt din iż-żjara huwa mar il-Fanar li hija s-sede tal-Patrijarka ta' Kostantinopli. Ġiet iffirmata dikjarazzjoni konġunta bejn Papa Franġisku u Patrijarka Bartilmew.

Matul l-2014, kien hemm ġrajjiet oħrajn ta' importanza ekumenika, bħal meta l-Papa laqa' delegazzjonijiet minn Knejjes jew Komunitajiet tar-Riforma, jew bħal meta huwa kien f'kuntatt ma' gruppi Pentekostali jew Evanġeliċi. Ġewwa Caserta, huwa ltaqa' magħhom u indirizzahom.

Biex l-għarfien ekumeniku tagħna bħala Kattoliċi jkompli jikber, nissuġġerixxi li tagħmel mill-aħjar li tista' li ssegwi s-sit elettroniku tal-Vatikan, u l-materjal li l-Kummissjoni Ekumenika tibgħat minn żmien għal żmien fis-serje li ġġib l-isem *Oecumenica*.

Minn dawn il-paġni, nixtieq nesprimi l-apprezzament tiegħi għal dak kollu li l-Arċisqof Pawl Cremona O.P. għamel għall-kawża ekumenika fuq livell lokali. Matul it-tmien snin tal-episkopat tiegħu, huwa dejjem żamm l-appuntament tiegħu biex jieħu sehem fis-Servizz Ekumeniku li jsir kull sena fix-xahar ta' Jannar. Kull meta kien mistieden mill-aħwa Nsara l-oħra biex jew iżur il-knejjes tagħhom jew jieħu sehem f'xi servizz ta' talb, huwa kien jagħmel dan b'fedeltà lejn il-missjoni ekumenika tal-Knisja. Kemm-il darba, huwa laqa' għandu *pastors* jew mexxejja ta' Knejjes jew Komunitajiet Ekkleżjali oħra. Kien jagħmel minn kollox biex jurihom li kien kuntent li qed jiltaqa' magħhom. Mhux biss, imma għamel kulma seta' biex jipprovdi xi kappella jew knisja lill-komunitajiet Insara li talbuh l-użu ta' post fejn setgħu jiċċelebraw il-liturġija. Għalkemm l-episkopat ta' Monsinjur Cremona ma jitqiesx bħala wieħed twil, però

l-wirt ekumeniku li huwa qed iħalli hu mill-aktar għani. Jien ċert li diġà qed naħsdu l-frott bnin ta' ħafna ġesti ekumeniċi li huwa għamel b'konvinzjoni, bi mħabba Nisranija u b'impenn li jagħti eżempju.

Aħbar li ħasditna kienet meta tħabbret il-mewt ta' Patri Ugo Cremona O.P. (1936-2014). Huwa miet nhar il-15 ta' Jannar 2014, tlett ijiem qabel il-bidu tal-Ġimgħa ta' Talb għall-Għaqda fost l-Insara. Dan id-Dumnikan ħabrieki, qaddej tal-Kelma ta' Alla u konferenzier infittex, kien wieħed mill-pijunieri tal-ekumeniżmu fl-Arċidjoċesi ta' Malta. Meta fl-1977, l-Arċisqof Ġużeppi Mercieca waqqaf il-Kummissjoni Ekumenika, huwa ħatar lil Patri Ugo bħala l-ewwel President tagħha, ħidma li kompla fiha sal-1993. Kien Patri Ugo li ta merħba lill-Papa Ġwanni Pawlu II meta saret ċelebrazzjoni ekumenika fil-Katidral tal-Imdina waqt l-ewwel żjara pastorali tiegħu fostna f'Mejju 1990.

Fid-diskors tiegħu lill-Papa, Patri Ugo Cremona O.P. kien esprima r-realtà tal-esperjenza ekumenika ġewwa Malta. Huwa semma mhux biss il-pożittiv tal-passi li kienu saru, imma wkoll id-diffikultajiet li normalment iqumu, fosthom it-tfixkil minħabba l-preżenza ta' xi setet. Dakinhar, kważi ħamsa u għoxrin sena ilu, huwa stqarr li:

> Aħna kommessi li naħdmu 'għall-għaqda sħiħa fil-fidi'. Aħna nafu li t-triq hi tqila, u qegħdin attenti li l-entużjażmu tagħna ma jmurx inessina d-differenzi li għadhom jifirduna. Aħna nippruvaw negħbu d-

diżappunti u l-kontratempi, kif u meta jinqalgħu, billi nfakkru lilna nfusna dwar l-għaqda li diġà ngawdu u spiss nirringrazzjaw 'l Alla flimkien għar-rigal tiegħu tal-għaqda. Mill-esperjenza personali tagħna aħna skoprejna kemm hu minnu li l-ekumeniżmu spiritwali hu tassew 'ir-ruħ tal-ħidma ekumenika'. Nista' nassigura lill-Qdusija Tiegħek li dawn il-gżejjer ta' Malta u Għawdex qed jagħtu kontribut kbir għall-ekumeniżmu mil-lat tat-talb għall-għaqda ... Sfortunatament, ħafna drabi aħna mfixklin fl-isforzi ekumeniċi tagħna ħtija tal-preżenza ta' setet, movimenti reliġjużi barra mill-Knisja, u fundamentaliżmu. Iżda aħna nistqarru 'magħmudija waħda', u nemmnu li permezz tax-xhieda komuni tagħna, u billi nikbru f'mentalità tassew ekumenika, nistgħu nimxu 'l quddiem fil-fidi u t-tama għaliex inħossuna marbutin ħafna flimkien fl-imħabba.

Illum, insellem il-memorja sabiħa ta' dan il-ġgant tal-ekumeniżmu ġewwa Malta, u nirringrazzja lil Alla għal dak kollu li sar f'dan il-qasam permezz tad-dedikazzjoni u l-impenn kostanti tiegħu.

Kull wieħed u waħda minna jista' jagħti l-kontribut tiegħu fil-qasam ekumeniku. Matul il-Ġimgħa ta' Talb għall-Għaqda fost l-Insara aħna lkoll imsejħin nitolbu skont din l-intenzjoni. Dan il-ktejjeb li nippubblikaw kull sena huwa strument biex f'mumenti differenti tal-liturġija jew talb

ieħor nitolbu biex dawk kollha li jemmnu fi Kristu jkunu lkoll ħaġa waħda. Nistiednek biex tużah, kemm personalment, kif ukoll fil-komunità parrokkjali, reliġjuża jew lajkali li tagħha inti responsabbli jew li tagħmel parti minnha.

Nixtieqlek kull ġid fil-Mulej.

Dun Hector Scerri
President – Kummissjoni Ekumenika

## Ħsieb qasir għal kuljum (18-25 ta' Jannar 2015)

*Għar-riflessjoni tiegħek u tal-grupp tiegħek.*
*Nissuġġerixxu li taqrah b'mod personali,*
*li jinqara fil-bidu tal-Quddiesa u ta' laqgħat oħra ta' talb,*
*jew fl-assembly tat-tfal ta l-iskola.*

It-tmien ħsibijiet għall-Ottavarju ta' Talb għall-Għaqda fost l-Insara, huma marbutin ma' modi differenti ta' mixi. Jgħinuna naħsbu fuq dimensjonijiet varji ta' dawk id-dixxipli Nsara awtentiċi li jimxu fit-triq tas-sewwa li twassal għall-ħajja. (Prov 12:28a).

**<u>L-ewwel jum: Il-Ħadd 18 ta' Jannar 2015</u>** (It-Tieni Ħadd matul is-Sena)

*Hu kellu jgħaddi mis-Samarija (Ġw 4:4).*

Ġwanni jagħmilha ċara li 'li tgħaddi mis-Samarija' hija għażla li Ġesù qed jagħmel. Hu qed jilħaq nies oħra lil hinn min-nies tiegħu. Hawn qed jurina li aħna niftaqru meta ninqatgħu u niżolaw ruħna minn dawk li huma differenti minna u nissieħbu biss ma' nies li huma bħalna. Huwa d-djalogu ma' dawk li huma differenti minna li tgħinna nikbru.

## It-tieni jum: It-Tnejn 19 ta' Jannar 2015

*Ġesù għajjien kif kien mill-mixi, qagħad bilqiegħda ħdejn il-bir (Ġw. 4:6).*

Ta' sikwit il-Knejjes u Komunitajiet Insara differenti jiġrilhom li jagħżlu l-loġika tal-pika (kompetizzjoni). Għajjenin minn dan il-bżonn li nkunu tal-ewwel, jeħtieġ li nistrieħu ħdejn il-bir u nitrejqu mill-ilma tal-għaqda mwassal mit-talb komuni ta' bejnietna. Jalla l-Ispirtu li jittajjar fuq l-ilmijiet tal-kaos (ara Ġenesi 1) iġib għaqda mid-diversità.

## It-tielet jum: It-Tlieta 20 ta' Jannar 2015

*Ma għandix żewġi (Ġw. 4:17).*

Meta s-Samaritana rrispondiet 'jien m'għandix żewġi', is-suġġett tat-taħdita ma' Ġesù nbidel minn dak fuq l-ilma għal dak dwar żewġha u l-ħajja personali tagħha. Hawn hi bdiet tifhem dak li ried jgħidilha Ġesù. Jalla l-Insara ma

jħallu xejn ifixkilhom fil-ftehim ta' bejniethom għal triq waħda li tieħu għall-għaqda dejjiema.

**<u>Ir-raba' jum: L-Erbgħa 21 ta' Jannar 2015</u>**

*Il-mara ħalliet il-ġarra hemmhekk (Ġw 4: 28).*

Il-laqgħa ta' bejn Ġesù u l-mara Samaritana turina d-djalogu ma' dak li hu differenti, mal-barrani. Irridu nagħrfu li dak li mhux familjari mat-twemmin tagħna jista' wkoll jagħti l-ħajja. Huwa diffiċli għalina li nsibu valur, li nagħrfu bħala tajjeb, jew anke sagru, dak li għalina mhux magħruf, jew li miegħu m'aħniex familjari, jew li forsi anke ħarisna lejh b'suspett.

Għalhekk, O Alla Missier, għinna nitgħallmu minn din il-laqgħa bejn Ibnek Ġesù u l-mara Samaritana, li laqgħat ma' membri ta' Knejjes u denominazzjoniet oħra jistgħu jiftħu orizzonti ġodda ta' grazzja.

**Il-ħames jum: Il-Ħamis 22 ta' Jannar 2015** (San Publiju, Prinċep ta' Malta)

*Sinjur, mnejn se ġġib l-ilma ħaj jekk anqas biex timla ma għandek u l-bir huwa fond? (Gw 4 :11)*

Ħafna Nsara jemmnu li huma biss għandhom it-tweġibiet kollha u allura ma jħossu l-bżonn ta' ħadd. Aħna nitilfu ħafna b'dan it-tip ta' raġunament. Ħadd minna waħdu ma jista' jilħaq fil-fond tal-bir tad-Divin; madankollu il-fidi titlob li aħna napprofondixxu aktar il-misteru. Ma nistgħux nagħmlu dan waħedna. Għandna bżonn l-għajnuna ta' ħutna l-Insara kollha. Hekk, flimkien, nistgħu naslu fil-fond tal-misteru t'Alla.

*Illum huwa d-disa' anniversarju tal-Ordinazzjoni Episkopali tal-Isqof t'Għawdex, Mons Mario Grech. Niftakru fih fit-talb.

* Illejla se jsir Servizz Ekumeniku Djoċesan fis-6.30 p.m., fil-knisja tas-Salib Imqaddes (jiġifieri għand il-Patrijiet Kapuċċini), Floriana. Se jippresiedi Monsinjur Isqof Charles J. Scicluna. Kulħadd huwa mistieden.

**Is-sitt jum: Il-Ġimgħa 23 ta' Jannar 2015**

*Imma min jixrob mill-ilma li nagħtih jien qatt iżjed ma jkun bil-għatx. L-ilma li nagħtih jien isir fih għajn ta' ilma li jwassal sal-ħajja ta' dejjem (Ġw. 4:14).*

Id-djalogu li jibda b'Ġesù jitlob l-ilma, isir djalogu fejn Ġesù stess iwiegħed l-ilma. Aktar tard fl-istess Vanġelu skont San Ġwann, Ġesù jerġa' jitlob jixrob. 'Għandi l-għatx', jgħid Ġesù minn fuq is-salib, u minn fuq is-salib Ġesù jsir nixxiegħa ta' ilma li tfawwar mill-ferita tal-kustat tiegħu. Nirċievu dan l-ilma mingħand Ġesù fil-magħmudija u dan isir ilma tal-ħajja li jingħata u jitqassam fost dawk kollha li niltaqgħu magħhom.

**Is-seba' jum: Is-Sibt 24 ta' Jannar 2015**

*Agħtini nixrob (Gw. 4:7).*

Aħna l-Insara għandna nkunu fiduċjużi li l-laqgħat u bdil ta' esperjenzi ma' oħrajn, u anke ma' tradizzjonijiet reliġjużi differenti, jistgħu jbiddluna u jgħinuna nilħqu l-fond tal-

bir. Meta nersqu lejn dawk li huma barranin bix-xewqa li nixorbu mill-bir tagħhom, niskopru dawk l-għeġubijiet ta' Alla li aħna nħabbru.

**<u>It-tmien jum : Is-Ħadd 25 ta' Jannar 2015</u>** (It-Tielet Ħadd matul is-Sena)

*Kien hemm ħafna li emmnu f'Gesù fuq ix-xhieda li tathom dik il-mara (Ġw 4:39).*

Il-missjoni tagħna trid tkun ħidma tal-kelma u ta' xhieda. Aħna nfittxu li ngħixu dak li nxandru, kif ġew imsejħin jagħmlu l-ewwel dixxipli ta' Ġesù. Dwar min hu msejjaħ minn Alla, illum se nisimgħu s-sejħa tal-Profeta Ġona fl-Ewwel Qari, u s-sejħa ta' Xmun, Indrì, Ġakbu u Ġwanni fl-Evanġelju. Illum, ħafna ma jemmnux għaliex huma ġew imqarrqin minn nies ta' fidi li ma jipprattikawx verament it-twemmin taħhom. Ix-xhieda tas-Samaritana ġiegħlet lill-komunità ta' madwarha biex temmen f'Ġesù għaliex niesha raw qbil bejn kliemha u l-bidla li saret fiha. Jekk il-kelma tagħna u x-xhieda huma awtentiċi, id-dinja tisma' u temmen.

## Talbiet ta’ maħfra

*Jistgħu jintużaw fil-bidu tal-Quddiesa*
*minflok l-Att Penitenzjali li hemm fil-Missal*

1. Mulej, il-membri tal-ewwel komunità nisranija, kif naqraw fl-Atti tal-Appostli, kienu qalb waħda u ruħ waħda. Maħfra Mulej ta’ kemm fil-komunitajiet tagħna konna ’l bogħod minn dan l-idejal. Mulej ħniena.

2. Mulej, inti trid li dawk kollha li jemmnu fik ikunu ħaġa waħda. Aħfrilna ta’ kemm tajna spazju għal firdiet fostna. Kristu ħniena.

3. Mulej, inti trid li aħna nagħmlu mixja ta’ konverżjoni mhux biss personali, imma wkoll fir-relazzjoni tagħna bħala Knisja ma’ nsara oħra. Maħfra ta’ kemm kellna qalbna magħluqa lejn membri ta’ komunitajiet insara oħrajn, jew ħarisna lejhom b’suspett. Mulej ħniena.

## Talbiet tal-Komunità Nisranija

1. Alla Missier, għajn ta' kull tjieba, ixħet il-ħarsa tiegħek ta' ħniena fuq l-insara mxerrda mad-dinja, ħa jsibu t-triq li twassalhom għal għaqda sħiħa bejniethom. Nitolbu.

2. Alla Missier, għajn ta' kull għerf, dawwal l-imħuħ tal-mexxejja tal-Knejjes, sabiex bil-kelma u bl-eżempju jaħdmu bla waqfien għal dik l-għaqda li Kristu nnifsu tant xtaq u xerred demmu għaliha. Nitolbu.

3. Alla Missier, għajn ta' kull don mis-sema, għinna napprezzaw id-doni li int issawwab fuq ħutna l-insara kollha, u li naqsmu bħall-aħwa dak kollu li int tagħtina. Nitolbu.

4. Alla Missier, għajn ta' kull għaqda, biegħed minna dak kollu li jġib il-firda, il-piki u l-mibegħda, ħa ssaltan fostna l-insara dik l-għaqda li Kristu Ibnek talab għaliha. Nitolbu.

5. Alla Missier, għajn ta’ kull ħajja, nissel fina sens ta’ rispett u mħabba lejn dawk ħutna nsara li mhux f’kollox jaħsbuha bħalna. Għajjixna lkoll bil-Kelma tiegħek u bil-Ġisem u d-Demm ta’ Ibnek, Feddej tagħna. Nitolbu.

6. Alla Missier, għajn ta’ kull faraġ, li fil-Qalb ta’ Ibnek toffrilna kenn u serħan fost it-taħbit u t-toqol tal-ħajja, għinna nagħrfu u nfittxu dak li jgħaqqadna bħala nsara, iktar milli dak li jifridna. Nitolbu.

7. Alla Missier, għajn ta’ ilma ħaj, semmgħalna, lilna u lill-Knejjes insara kollha, il-leħen ta’ Ibnek jistedinna mmorru għandu naqtgħu l-għatx ta’ qlubna, ħa nkunu lkoll qalb waħda u ruħ waħda fi Kristu. Nitolbu.

8. Alla Missier, għajn ta’ kull barka u sliem, sawwab fuq l-imgħammdin kollha l-Ispirtu ta’ Ibnek, biex bil-Kelma u bl-għemil jagħtu xhieda tal-Aħbar Tajba li tferraħ u li tgħaqqad. Nitolbu.

**Adorazzjoni Animata**
**waqt il-Ġimgħa ta' Talb għall-Għaqda**
**fost l-Insara**

*Ġesu' qalilha: Agħtini nixrob (Ġw 4:7)*

**Espożizzjoni:** Kant ta' Innu Ewkaristiku

**Introduzzjoni**

It-tema magħżula din is-sena għall-Ġimgħa ta' Talb għall-Għaqda bejn l-Insara hija "ĠESÙ QALILHA: AGĦTINI NIXROB!" Din hija meħudha mill-Evanġelju ta' San Ġwann, preċiżament mis-silta li aħna nsibuha bħala "tas-Samaritana". Din it-tema ngħażlet min-*National Council of Christian Churches of Brazil.* Għalkemm it-tema hija vers wieħed, ġejna mħeġġa biex nużaw is-silta kollha ta' dan ir-rakkont popolari. F'din l-adorazzjoni, din is-silta twila ġiet maqsuma fi tliet partijiet akkumpanjati minn riflessjonijiet ta' San Ġwann Grisostmu. Dan il-qaddis għex lejn l-aħħar tas-seklu 4. Kien Arċisqof ta' Kostantinopli u miet fl-eżilju fl-inħawi mbiegħda tal-Baħar l-Iswed fis-sena 407. Fl-1568 ġie dikjarat Duttur tal-Knisja mill-Papa San Piju V, u ngħata

t-tiltu ta' Duttur tal-Ewkaristija. Huwa meqjum mhux biss mill-Kattoliċi u l-Ortodossi imma anke mill-Knejjes l-oħra tal-Lvant, mil-Luterani u mill-Anglikani. Għalhekk huwa qaddis ekumeniku għax il-qima lejh tgħaqqad lill-insara mifruda. Bl-interċessjoni ta' San Ġwann Grisostmu, nitolbu waqt din l-adorazzjoni biex jitkattru l-inizjattivi li jistgħu jwasslu għall-għaqda tant mixtieqa bejn l-insara kollha.

**Qari 1:** Ġwanni 4: 4-12

Ġesù ġie f'belt tas-Samarija, jisimha Sikar, qrib il-biċċa art li Ġakobb kien ta lil ibnu Ġużeppi, fejn kien  ukoll il-bir ta' Ġakobb. Kien għall-ħabta tas-sitt siegħa, u Ġesù, għajjien kif kien mill-mixi, qagħad bilqiegħda ħdejn il-bir.

U ġiet mara mis-Samarija timla l-ilma. "Agħtini nixrob," qalilha Ġesù. Id-dixxipli tiegħu kienu marru l-belt jixtru x'jieklu.

Il-mara mis-Samarija qaltlu: "Kif! Inti Lhudi u titlob lili, Samaritana, biex nagħtik tixrob?" Qaltlu hekk għax il-Lhud ma jitħalltux mas-Samaritani. Ġesù weġibha: "Kieku kont taf id-don ta' Alla u min hu dak li qiegħed jgħidlek, 'Agħtini

nixrob,' kieku int kont titolbu, u hu kien jagħtik ilma ħaj."
Qaltlu l-mara: "Sinjur, mnejn se ġġib l-ilma ħaj jekk anqas biex timla ma għandek u l-bir huwa fond?
Jaqaw int aqwa minn missierna Ġakobb li tana dan il-bir, li minnu xorob hu u wliedu u l-imrieħel tiegħu?"

**Ħsieb 1:** *Meħud mill-Omelija 21 ta' San Ġwann Grisostmu fuq l-Evanġelju ta' San Ġwann*

Jekk dil-mara Samaritana kellha tant ħerqa biex titgħallem mingħand Kristu li lanqas biss kienet taf min kien tassew, x'maħfra nistgħu naqilgħu aħna li nafuh u m'aħniex ħerqana bħalha għalih?! Aħna m'aħniex ħdejn bir, f'nofs in-nhar, taħt xemx taħraq, imma ġo knisja għall-kenn mill-elementi kefrin tax-xitwa u tas-sajf. Madankollu donnu ma għandnix sabar għal dak li jiġi mxandar hawn ġewwa, anzi sar idejjaqna. Dil-mara ma ġabitx ruħha hekk. Tant okkupat ruħha bil-kliem ta' Ġesù li sejħet lill-oħrajn biex jiġu jisimgħuh. Il-Lhud min-naħa l-oħra mhux talli ma semgħuhx imma talli ma ħallewhx lill-oħrajn jisimgħuh. Ejjew nimitaw lis-Samaritana. Ejjew nitkellmu ma' Kristu.

Għaliex issa huwa qiegħed fostna, jitkellem fostna permezz tal-profeti u d-dixxipli. Ejjew nisimgħuh u nobduh. Kemm se ndumu ngħixu għalxejn? Għax meta ma nagħmlux dak li jogħġob lil Alla nkunu qegħdin ngħixu għalxejn, anzi nkunu qed nagħmlu ħsara lilna nfusna.

*Pawsa ta' adorazzjoni fis-skiet*

**Talba**

Ġesù, aħna ġejna hawn għall-adorazzjoni. Aħfrilna tal-aljenazzjonijiet li jaqbduna fil-ħin tat-talb, waqt il-quddiesa u fiċ-ċelebrazzjonijiet l-oħra li jsiru fil-Knisja. Agħtina dik il-ħerqa qaddisa li kellha dis-Samaritana għalik. Ħallina nintilfu fik meta nibdew nitolbu. Agħmilna għajjurin għall-ħin tat-talb biex lilek ma nbiddluk ma' xejn u ma' ħadd. Nitolbu biex l-Insara kollha jkunu mħeġġa biex jisimgħu lilek u jobdu l-kmand tiegħek biex inkunu ħaġa waħda.

*Jitkanta Innu*

**Qari 2:** Ġwanni 4: 13-30

Weġibha Ġesù: "Kull min jixrob minn dan l-ilma jerġa' jagħtih l-għatx; imma min jixrob mill-ilma li nagħtih jien qatt iżjed ma jkun bil-għatx. L-ilma li nagħtih jien isir fih għajn ta' l-ilma li jwassal sal-ħajja ta' dejjem." Qaltlu l-mara: "Agħtini dan l-ilma, Sinjur, biex ma jaqbadnix l-għatx, u anqas ma noqgħod ġejja u sejra hawn nimla l-ilma."

Qalilha Ġesù: "Mur sejjaħ lil żewġek u erġa' ejja hawn."

Weġbitu l-mara: "Ma għandix żewġi." Qalilha Ġesù: "Sewwa għedt, 'ma għandix żewġi.'

Inti żżewwiġt ħames darbiet, u r-raġel li għandek miegħek bħalissa m'huwiex żewġek. Sewwa weġibt!"

Qaltlu l-mara: "Int profeta, Sinjur, milli qiegħda nara.

Missirijietna kienu jaduraw lil Alla fuq din il-muntanja; imma intom tgħidu li l-post fejn wieħed għandu jadura lil Alla jinsab f'Ġerusalemm." Qalilha Ġesù: "Emminni, mara, jiġi żmien meta mhux fuq din il-muntanja taduraw lill-Missier, anqas f'Ġerusalemm.

Intom taduraw lil dak li ma tafux; aħna naduraw lil dak li nafu, għax is-salvazzjoni ġejja mil-Lhud.

Imma tiġi siegħa, anzi issa hi, meta dawk li tassew jaduraw jibdew jaduraw lill-Missier fl-ispirtu u l-verità. Għax il-Missier ukoll, nies bħal dawn ifittex li jadurawh. Alla huwa spirtu, u dawk li jadurawh għandhom jadurawh fl-ispirtu u l-verità."

Qaltlu l-mara: "Jiena naf li ġej il-Messija, - dak li jgħidulu Kristu. Meta jiġi hu, kollox iħabbrilna."

Qalilha Ġesù: "Jiena hu, li qiegħed nitkellem miegħek."
Fil-ħin ġew id-dixxipli tiegħu, u stagħġbu jarawh jitkellem ma' mara; iżda ħadd minnhom ma staqsieh, 'Xi trid?', jew, 'Għax qiegħed titkellem magħha?'
Il-mara ħalliet il-ġarra hemmhekk, reġgħet daħlet il-belt u qalet lin-nies: "Ejjew araw bniedem li qalli kull ma għamilt. Tgħid, dan il-Messija?" U nies ħarġu mill-belt u ġew ħdejh.

**Ħsieb 2**: *Meħud mill-Omelija 23 ta' San Ġwann Grisostmu fuq l-Evanġelju ta' San Ġwann*

Meta kompliet titkellem ma' Ġesù, is-Samaritana bdiet titkellem fuq affarijiet iktar importanti mill-għatx ta' Ġesù. Ħallietu jmexxiha sakemm stqarret li hu profeta u hemmhekk Ġesù beda jkellimha fuq Alla u s-salvazzjoni. B'hekk setgħet tisma' l-Kelma tiegħu għax kienet temmen li hu bniedem mibgħut minn Alla. Imissna nistħu! Mara li kellha ħamest irġiel u mis-Samarija kellha iktar interess fil-veritajiet reliġjużi! Xejn ma fixxkilha: la l-ħin tal-ġurnata, la l-appuntamenti li kien imissha, u la xejn aktar. Aħna mbagħad mhux biss ma nfittxux li nitgħallmu dan it-tagħlim imma d-dispozizjoni tagħna lejn dawn l-affarijiet divini hija waħda ta' indifferenza u ta' traskuraġni. Kollox jitħalla għat-telqa. Meta nkunu fid-djar tagħna, naqbdu xi kiteb nisrani u nfittxu fih biex nitgħallmu? Inqallbu l-paġni tal-Iskrittura? Jista' jagħti l-każ li hawn min m'għandux kotba d-dar, imma huwa vera ukoll li iktar moħħna fl-affarijiet tal-logħob u d-divertiment. Inkella, ikun hemm min il-Bibbja jżommha fuq l-ixkaffa biex iżżejjen biha. Nagħmlu l-affarijiet biex nilgħabuha tas-sinjuri ħalli noqogħdu niftaħru. Din hi vanità. Tisma' lil min jiftaħar li

għandu l-ittri tad-deheb fil-kotba tiegħu imma imbagħad ma jkunx jaf x'fihom il-kotba tiegħu. Il-Bibbja ngħatatilna mhux biss biex inżommuha bħala ktieb imma biex tiġi mnaqqxa fi qlubna.

*Pawsa ta' adorazzjoni fis-skiet*

**Talba**

Ġesù, aħna suppost midħla tal-kelma tiegħek. Aħfrilna n-nuqqas ta' ħeġġa lejn it-tagħlim nisrani. Agħmel li l-kelma Tiegħek ssib fejn timraħ f'ħajjitna ħalli ngħixu ħajja skont l-valuri tal-Evanġelju u mhux nimxu mal-kurrent li qed ikaxkar lid-dinja għat-telfien.

Nitolbu biex l-Insara kollha permezz tal-qari u l-meditazzjoni tal-kelma ta' Alla jindunaw bl-urġenza li sseħħ l-għaqda bejniethom.

*Jitkanta Innu*

**Qari 3:** Ġwanni 4: 31-42

Sadattant id-dixxipli bdew jitolbuh u jgħidulu: "Rabbi, kul!" Iżda hu qalilhom: "Jien għandi ikel x'niekol li intom ma tafux bih." Id-dixxipli għalhekk bdew jistaqsu lil xulxin: "Jaqaw ġie xi ħadd u ġieblu x'jiekol?"

Qalilhom Ġesù: "L-ikel tiegħi hu li nagħmel ir-rieda ta' min bagħatni u li nwassal fit-tmiem l-opra tiegħu. Intom ma tgħidux li baqa' erba' xhur oħra għall-ħsad? Imma araw x'ngħidilkom jien: erfgħu għajnejkom u ħarsu ftit kif l-għelieqi bjadu għall-ħsad! Ġa l-ħassad qiegħed jieħu ħlasu u jiġbor il-frott għall-ħajja ta' dejjem, biex min jiżra' jifraħ hu wkoll bħal min jaħsad.

F'dan taraw kemm sewwa jingħad li wieħed jiżra' u l-ieħor jaħsad. Jiena bgħattkom taħsdu dak li ma tħabattux għalih intom; kienu oħrajn li tħabtu, u intom dħaltu flokhom biex tgawdu l-frott tat-taħbit tagħhom."

Kien hemm ħafna Samaritani minn dik il-belt li emmnu f'Ġesù fuq ix-xhieda li tathom dik il-mara meta qaltilhom: 'Qalli kull ma għamilt,' tant, li meta s-Samaritani ġew

ħdejh, bdew jitolbuh biex jibqa' magħhom, u hu qagħad hemm jumejn.

Imbagħad ħafna oħrajn emmnu minħabba kliemu, u lill-mara qalulha: "issa mhux għax għedtilna int qegħdin nemmnu, imma għax aħna wkoll smajnieh, u sirna nafu li dan tassew hu s-salvatur tad-dinja."

**Ħsieb 3**: *Meħud mill-Omelija 25 ta' San Ġwann Grisostmu fuq l-Evanġelju ta' San Ġwann*

Meta s-Samritani qalu li Ġesù huwa s-Salvatur tad-dinja, huma urew li d-dinja kienet mitlufa, fil-bżonn tas-Salvatur. Kellu jkun l-aqwa wieħed. Qablu kien hemm profeti u anġli mibgħutin biex isalvaw imma dan issa huwa s-Salvatur, l-aqwa wieħed. Din l-istqarrija ħarġet minn fidi sajfa. Tassew kienu nies ħienja għax emmnu bla ma raw sinjali u għaliex kienu sinċieri fi twemminhom. Għalkemm is-Samaritana kellmithom b'dubju jew suspett fuqha, dawn ma komplewx magħha u qalu bħalha *Tgħid dan il-Messija?,* imma iddikjaraw: *Dan tassew hu s-salvatur tad-dinja."* Huma

aċċettaw lil Kristu mhux bħal wieħed minn ħafna imma bħala tassew is-Salvatur.

*Pawsa ta' adorazzjoni fis-skiet*

**Talba**

Ġesù, aħna bħall-Insara kollha nistqarruk bħala s-salvatur tagħna. Imma xi kultant aħna npoġġu tamitna aktar finnies tad-dinja milli fik. Nippretendu li tikkuntentana f'kollox u neħduha kontrik jekk ma tagħmilx hekk. Eħlisna minn din l-attitudni ta' fidi dgħajfa u bħad-dixxipli nitolbuk: kattar fina l-fidi.

Nitolbu biex l-Insara kollha jinġabru f'merħla waħda mdawwla mill-veritajiet ta' fidi waħda.

*Pawsa qasira ta' adorazzjoni fis-skiet*

Inħejju ruħna biex nirċievu l-Barka ta' Ġesù fl-Ewkaristija.